

32004R0745(01)

26.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 122/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 745/2004**tas-16 ta' April 2004****li jistabbilixxi miżuri fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw minn animali għall-konsum personali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

biex jiżguraw li prodotti li ma jissodisfawx dawn il-kondizzjonijiet ma jiġux introdotti ħlief permezz ta' posti ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli dwar saħħet l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw minn annimali għall-konsum tan-nies ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 8(5) ta' din,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997, li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 3(5), 16(3) u 17(7) ta' din,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infiq fil-qasam veterinarju ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) ta' din,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 97/78/KE jeħtieġ, rispettivament, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ebda kunsinna minn pajjiż terz m'għandha tiġi introdotta fil-Komunità mingħajr ma tkun ġiet suġġetta għall-kontrolli veterinarji xierqa, u li l-kunsinni jkunu ġew introdotti fil-Komunità permezz ta' posta ta' spezzjoni fuq il-fruntiera. Madankollu, skond l-Artikolu 16, dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-prodotti li jgħorru l-vjaġġaturi jew mibgħuta lil persuni privati għall-konsum proprju, f'ċerti kondizzjonijiet. Konsegwentement, l-Istati Membri jridu jorganizzaw kontrolli fpunti oħra tad-dħul

(2) In-numru ta' punti tad-dħul fuq il-fruntieri tal-Komunità fejn jaslu passiġġieri u pakketti minn pajjiżi terzi huwa akbar minn dak ta' punti approvati bħala posti ta' spezzjoni fuq il-fruntiera. Madankollu, hija r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru li jiżguraw li vjaġġaturi, passiġġieri jew il-persuni responsabbli għall-kunsinni, jafu u jħarsu r-regoli Komunitarji rilevanti kif applikati għal kunsinni mhux kummerċjali ta' prodotti li joriġinaw minn annimali.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi l-proċeduri għal kontrolli veterinarji fil-posti ta' spezzjoni Komunitarji fuq il-fruntiera fuq prodotti minn pajjiżi terzi. L-Artikolu 8 jistabbilixxi limitu ta' piż ta' 1 kg għall-eżenzjoni minn kontrolli veterinarji sistematiċi ta' prodotti, destinati għall-konsum tan-nies, minn pajjiżi approvati jew partijiet minnhom. Jipprovdwi wkoll għal ċerti derogi għal pakketti żgħar ta' prodotti li joriġinaw minn annimali introdotti fid-Danimarka, *inter alia*, minn *Greenland* u mill-Gżejjer Faeroe, u fir-rigward ta' ċertu ħut introdott fil-Finlandja u l-Isvezja mir-Russja.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/349/KE ⁽⁵⁾ tistabbilixxi l-lista ta' prodotti li joriġinaw minn annimali li jridu jiġu eżaminati fil-posti ta' spezzjoni fuq il-fruntiera. Madankollu, skond l-Artikolu 2, id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni japplikaw mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet riferiti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 97/78/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 18, tat-23.1.3, pġ. 11.

⁽²⁾ ĠU L 24, tat-30.1.98, pġ. 9.

⁽³⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, pġ. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/99/KE (ĠU L 325, tat-12.12.2003, pġ. 31).

⁽⁴⁾ ĠU L 21, tat-28.1.4, pġ. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 121, tat-8.5.2, pġ. 6.

- (5) Tifqigħat ta' mard ta' l-annimali eżotiku fil-Komunitá Ewropea ġew ikkawżati minn razez ta' virus li qabel ma kinux magħrufa fil-Komunitá, inklużi tifqigħa ta' deni klassiku tal-ħnieżer fl-1996 u fl-2000, u epidemija maġġuri tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (MLD) fl-2001. It-tifqigħat ta' MLD kienu kkawżati mill-virus tat-tip *O1-PanAsia*, razza li m'hi preżenti febda pajjiż terz minn fejn prodotti minn annimali ta' speċijiet suxxettibbli jiġu importati skond il-leġislażzjoni tal-Komunitá.
- (6) Minħabba r-riskji ta' introduzzjoni ta' virus, diversi fora iffokaw fuq il-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni u rinforzament tal-kontrolli fuq l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw minn annimali minn vjaġġaturi⁽¹⁾. Barra minn dan, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fis-17 ta' Diċembru 2002 dwar miżuri ta' kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni Ewropea fl-2001 u miżuri fil-futur għall-prevenzjoni u kontroll tal-mard ta' l-annimali fl-Unjoni Ewropea⁽²⁾, li kkonkludiet li l-ġhajn ta' riskju l-aktar serju għad-dħul tal-MLD huwa l-importazzjoni illegali ta' prodotti li joriġinaw minn annimali minn pajjiżi fejn l-MLD hija endemika, u li għandu jsir aktar biex l-importazzjoni illegali ta' laħam, inkluża l-importazzjoni personali, tiġi ċċekkjata, identifikata u meqruda.
- (7) Din ir-riżoluzzjoni tgħid ukoll li l-Komunitá għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni lill-vjaġġaturi li jimportaw kwantitajiet żgħar ta' laħam maħsuba għall-konsum personali tagħhom fil-bagolli personali tagħhom, u li n-nuqqas ta' ħarsien tal-projbizzjoni ta' dawn għandu jiġi kkastigat b'multi suffiċjentement sostanzjali biex ikunu effettivi. Barra minn dan, ir-riżoluzzjoni tgħid li l-Istati Membri għandhom iżidu kif jixraq in-numru tal-persunal li jagħmel spezzjonijiet fl-ajruporti biex inaqqsu r-riskju li l-mard tal-bhejjem jinġarr permezz ta' importazzjoni illegali ta' prodotti li joriġinaw minn annimali fil-bagalji tal-passiġġieri ta' l-ajru, u li għandhom jagħmlu użu akbar minn klieb imħarrġa biex jiskopru dawn il-prodotti, u li miżuri korrispondenti u viġilanza akbar għandhom japplikaw fil-punti kollha tad-dħul fil-Komunitá Ewropea.
- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/995/KE⁽³⁾ stabbiliet miżuri ta' salvagwardja provviżorji biex tillimita l-importazzjoni mhux kummerċjali ta' prodotti li joriġinaw minn annimali. Dawn il-miżuri ta' salvagwardja kienu introdotti bħala l-mekkaniżmu l-aktar xieraq biex ma jħallix din l-importazzjoni ddaħħal mard ta' l-annimali serju fil-Komunitá, sakemm jiġu introdotti regoli aktar permanenti.
- (9) Meta titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika dinjija fir-rigward ta' mardiet ta' l-annimali maġġuri li jittieħdu u li jittrasmettu ruħhom permezz ta' prodotti minn dawn l-annimali, inkluża l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, l-introduzzjoni ta' dawn il-prodotti fil-Komunitá għal skopijiet mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi li m'humiex ħielsa minn dawn il-mardiet tkompli tirrap-preżenta riskju mhux aċċettabli għal saħħet l-annimali.
- (10) Issa huwa l-waqt li jiġu stabbiliti regoli permanenti li jirrigwardaw l-importazzjoni personali ta' laħam, ħalib u prodotti mill-laħam u l-ħalib minflok il-miżuri ta' salvagwardja eżistenti.
- (11) Huwa xieraq ukoll li jiġu speċifikati t-tipi u l-kwantitajiet ta' prodotti li joriġinaw minn annimali li jistgħu igawdu minn eżenzjoni mill-kontrolli veterinarji stabbiliti għall-importazzjoni mhux kummerċjali mingħajr ma jkun ta' riskju sinifikanti għas-saħħa ta' l-annimali. Huwa xieraq ukoll li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkomplu jorganizzaw kontrolli xierqa fil-punti tad-dħul fil-Komunitá rilevanti fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti bid-Direttiva 97/78/KE, filwaqt li titqies il-ħtieġa li dawn il-prinċipji jiġu addattati għan-natura mhux kummerċjali ta' din l-importazzjoni, u li jiġi żgurat li informazzjoni dwar dawn il-kontrolli tiġi pprovduta lill-vjaġġaturi.
- (12) Ċerti pajjiżi terzi, minħabba l-qrubija ġeografika u l-istatus ta' saħħet l-annimali tagħhom, jistgħu jitqiesu bħala ta' riskju minimali għal saħħet l-annimali fl-UE. Kwantitajiet limitati ta' laħam u prodotti mill-laħam u ta' ħalib u prodotti mill-ħalib minn dawn il-pajjiżi għandhom għaldaqstant ikunu eżenti minn kontrolli veterinarji. Barra minn dan, ċerti pajjiżi terzi ġirien għandhom ftehim veterinarji speċifiċi ma' l-UE fir-rigward ta' aspetti rilevanti ta' l-acquis veterinarju ta' l-UE. Kunsinni personali minn dawn il-pajjiżi terzi għandhom għaldaqstant jibqgħu barra mill-ambitu tad-disposizzjonijiet ta' kontroll stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu, għall-informazzjoni xierqa tal-passiġġieri, dawn il-pajjiżi terzi għandhom jiġu indikati bħala pajjiżi eżenti fuq il-materjal pubbliċitarju rilevanti kollu.
- (13) L-Istati Membri għandu jkollhom riżorsi xierqa u ffokati biex ma jħallux id-dħul ta' kunsinni illegali ta' laħam, ħalib u prodotti mill-laħam u l-ħalib f'bagolli personali mill-punti tad-dħul fil-Komunitá.

(1) — Linji gwida għal stima ta' riskju tat-theddida tal-MLD assoċjata mat-turiżmu u t-transport mifthiema fit-33 Sessjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-kontroll ta' l-MLD (EUFMD) (<http://www.fao.org/ag/AGA/Agah/EUFMD/reports/sess33/default.htm>).

— Konferenza internazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' l-FMD, Brussel, Diċembru 2001.

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-FMD u l-kampjonat mondjali tal-futbol fil-Korea ta' Isfel.

(2) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar miżuri għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni Ewropea fl-2001 u miżuri fil-futur għall-prevenzjoni u kontroll tal-mard fl-annimali fl-Unjoni Ewropea (2002/2153(INI)), 17 ta' Diċembru 2002.

(3) ĠU L 353, tat-30.12.2, pġ. 1.

(14) Għandu jkun hemm disinċentiv ċar biex laħam, ħalib u prodotti mill-laħam u l-ħalib importati personalment ma jitħallewx jidħlu fil-Komunità Ewropea mingħajr il-permess veterinarju meħtieġ. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jimponu ħlasijiet u penali skond il-ħtieġa, inklużi l-ispejjeż tad-disponiment, fuq persuni miżmuma responsabbli għall-ksur tar-regoli.

(15) L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni xierqa lill-Kummissjoni Ewropea dwar mekkaniżmi li jkunu impjegaw biex jinforzaw ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament fil-punti tad-dħul fil-Komunità li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(16) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Applikazzjoni u objettiv

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, laħam u prodotti mill-laħam u ħalib u prodotti mill-ħalib huma definiti bħala l-prodotti elenkati fit-taqsimiet 01-04 taħt l-intestatura I.2, Titolu I fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/349/KE.

2. Kull laħam u prodotti mill-laħam u ħalib u prodotti mill-ħalib introdotti ġewwa l-Komunità minn vjaġġaturi, jew mi bghuta lil persuni privati, huma bla ħsara għar-reqwiżiti ta' l-importazzjoni stabbiliti skond id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE. Dawn għandhom jiġu mill-pajjiżi elenkati skond l-Artikolu 8, u għandhom jiġu preżentati f'posta ta' spezzjoni fuq il-fruntiera flimkien ma' dokumenti skond l-Artikolu 9, ta' dik id-Direttiva.

3. Dawn għandhom ikunu bla ħsara għal kontrolli veterinarji skond ir-Regolament (KE) Nru 136/2004. Madankollu, m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-eżenzjoni mill-kontrolli veterinarji sistematiċi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament.

4. Ir-Regolament preżenti m'għandux japplika għal kunsinni personali mill-Andorra, in-Norveġja u San Marino. Madankollu, għall-informazzjoni xierqa tal-passiġġieri, dawn il-pajjiżi terzi għandhom jiġu indikati bħala pajjiżi eżenti fil-materjal pubbliċitarju relevanti kollu.

Artikolu 2

Eżenzjonijiet

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 20 u 22 tad-Direttiva 97/78/KE, dawn li ġejjin għandhom jiġu eżentati mir-reqwiżiti ta' l-Artikolu 1:

— il-prodotti elenkati fl-Anness I minn kull pajjiż terz, sakemm l-ammont jew kwantità ma jeċċedux dawk li bir-raġuni jistgħu jiġu kkunsmati minn individwu,

— laħam u prodotti mill-laħam u ħalib u prodotti mill-ħalib li jidħlu fil-Komunità mill-Gżejjer Faeroe, minn Greenland, mill-Islanda, minn Liechtenstein u mill-Isvizzra, sakemm l-ammont jew kwantità importati ma jeċċedux il-5 kilogrammi għal kull persuna.

Artikolu 3

Informazzjoni lill-vjaġġaturi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attenzjoni ta' vjaġġaturi li jaslu minn pajjiżi terzi tingħbed għall-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw minn annimali fil-punti tad-dħul fil-Komunità nominati kollha. L-informazzjoni għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni provduta fl-Anness II, murija permezz ta' avviżi prominenti f'postijiet fejn jidhru sewwa.

2. L-operaturi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-passiġġieri kollha li jgħorru għal ġol-Komunità għall-kondizzjonijiet ta' saħħet l-annimali li jorbtu l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw minn annimali u għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness III.

Artikolu 4

Kontrolli u sanzjonijiet

1. Fil-punti kollha tad-dħul fil-Komunità Ewropea nominati mill-Awtorità kompetenti, l-Awtorità kompetenti u l-awtoritazjoni responsabbli għall-kontroll uffiċjali għandhom, f'koperazzjoni ma' l-operaturi tal-portijiet u l-ajruporti u ma' operaturi responsabbli għal punti tad-dħul oħra, jorganizzaw kontrolli biex jiskopru l-preżenza ta' kunsinni illegali ta' laħam u prodotti mill-laħam u ħalib u prodotti mill-ħalib, u jivverifikaw li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2 jiġu rrispettati. Il-kontrolli jistgħu jiġu organizzati permezz ta' strateġija bażata fuq ir-riskju, inkluż, jekk ikun meqjus neċessarju mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, l-użu ta' għajnuniet ta' skoperta effettivi, bħal tagħmir ta' l-iskanjar u klieb imħarrġa, biex jeżaminaw volumi kbar ta' bagolli personali għal kunsinni ta' din ix-xorta.

2. Il-kunsinni personali kollha identifikati mill-awtorità kompetenti li jinvolvu ksur tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu ikkonfiskati u meqruda skond il-leġislażjoni nazzjonali.

3. Il-persuna responsabbli għal kull kunsinna personali li tinvolvi ksur tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament tista', fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, teħel l-ispejjeż jew penali stabbiliti fl-Artikolu 17(5) tad-Direttiva 97/78/KE. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali riferita fil-paragrafu 2 applikabbli għall-qbid u l-qerda ta' kunsinni personali tidentifika l-persuna naturali jew legali responsabbli għall-ispejjeż tal-qerda tal-kunsinni personali kollha li jiġu maqbuda jew abbandunati volontarjament.

Artikolu 5

Rapporti

1. Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni, kull sena, it-tabella kompletata stabbilita fl-Anness IV biex jagħti fil-qosor l-informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri meħuda biex jirreklama u jinforza r-regoli fuq l-importazzjoni personali ta' laħam u ħalib f'dan ir-Regolament, u r-riżultati ta' dawn. L-informazzjoni mogħtija tintuża biex id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu eżaminati mill-ġdid, b'mod partikolari l-Artikolu 4.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' April 2004.

2. Il-perijodu ta' rappurtaġġ għandu jiddekorri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru u l-informazzjoni trid tiġi ssottomessa sa l-ewwel jum ta' Marzu tas-sena immedjatament wara t-tmiem tal-perjodu ta' rappurtaġġ annwali msemmi qabel.

Artikolu 6

Revokazzjoni

Id-Deċiżjoni 2002/995/KE hija revokata.

Artikolu 7

Implimentazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2004.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni għall-vjaġġaturi pprovduta fl-Artikolu 3(1) tkun disponibbli mill-1 ta' Mejju 2004.
3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri u Stati li se jissieħbu kopji ta' l-avviżi mfassla skond il-mudell fl-Anness II. L-ispejjeż operazzjonali sa mhux aktar minn EUR 35000 għandhom jitħallsu mill-baġit Komunitarju.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Laħam u prodotti mil-laħam u ħalib u prodotti mill-ħalib suġġetti għad-deroga minn kontrolli veterinarji meta jinġarru minn passiġġieri li jidħlu fil-Komunita:

- ħalib tat-trab għat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali meħtieġ għal raġunijiet mediċi, bil-kondizzjonijiet li dawn il-prodotti ma jeħtiġux tkessiħ qabel ma jinfetħu, li jkunu prodotti pakkettjati u bl-isem tad-ditta għall-bejgħ dirett lill-konsumatur finali, u li l-pakkettjar tagħhom ma jkunx infetaħ ħlief jekk ikunu qed jiggu użati kurrentement.

ANNEX II

Dan l-avviż għandu jsir f'minn ta' l-anqas wieħed mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-introduzzjoni fil-Komunitá Ewropea, u f'tieni lingwa meqjusa xierqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru, li tista' tkun dik użata f'pajjiż ġar jew, fil-każ ta' ajruporti u portijiet, il-lingwa li probabbilment tintuża l-aktar mill-passiġġieri li jaslu fit-terminal.

L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw dan l-avviż b'informazzjoni addizzjonali addattata għall-kondizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi lokali, u bid-disposizzjonijiet nazzjonali tagħhom adottati fuq il-bażi tad-Direttiva 97/78/KE.



KUMMISSJONI EWROPEA

Żomm mard infettiv ta' l-annimali barra mill-Unjoni Ewropea!

Prodotti oriġinati mill-annimali
jistgħu jittrasportaw patoġeni li jikkawunaw
mard infettiv fl-annimali



Hemm prodotti u kontrolli veterinarji
iebsa għad-dħul fl-Unjoni Ewropea
ta' prodotti oriġinati mill-annimali



**Min jivvjaġġa* għandu
jikkunsinja dawn il-prodotti
għal kontrol uffiċjali**

* Minbarra dawk li jasu bi kwantitajiet żgħar għal konsum personali minn Andorra, Gżejjer Faroe, Greenland, Islanda, Liechtenstein, Norveġja, San Marino u Svizzera.

Din l-informazzjoni trid tiġi sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' Marzu tas-sena immedjatament wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rappurtaġġ annwali.

ANNEX III

L-operaturi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri għandhom jagħmlu użu mill-mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti (eż. fuljetti, messaġġi bil-kliem, avviżi fuq skrinijiet u ħitan, eċċ.) biex jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja titqiegħed għad-disposizzjoni tal-passiġġieri kollha li jgħorru għal ġol-Komunità. L-operaturi tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri għandhom jiżguraw ukoll li din l-informazzjoni tiġi trasmessa f'format addattat li jqis il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi lokali, u b'mod li tifthiem mill-passiġġieri li jgħorru:



ŻOOM IL-MARD INFETTIV TA' L-ANIMALI BARRA MILL-UNJONI EWROPEA!

PRODOTTI LI JORIĠINAW MINN ANIMALI JISTGĦU JĠORRU PATOĠENI LI JIKKAWŻAW MARD INFETTIV FL-ANIMALI

Minħabba r-riskju ta' importazzjoni ta' mard fl-Unjoni Ewropea, il-kunsinni personali kollha ta laħam, prodotti mill-laħam, ħalib u prodotti mill-ħalib huma projbiti milli jidħlu fl-UE ħliet dawn li ġejjin:

- ħalib tat-trab għat-trabi, ikel tat-trabi u ikel speċjali meħtieġ għal raġunijiet mediċi sakemm:
 - il-prodott ma jeħtiġx tkessiħ qabel ma jiġi kkonsumat;
 - il-prodott ikun ippakkettjat u jgħorr l-isem tad-ditta
 - il-pakkettjar ma jkunx miftuħ.
- kunsinni personali ta' laħam, prodotti mil-laħam, ħalib jew prodotti mill-ħalib mill-Gżejjer Faroe, *Greenland*, l-Islanda, *Liechtenstein* u l-Isvizzera b'piż totali kombinat ta' mhux aktar minn 5 kg.
- kunsinni personali ta' laħam, prodotti mill-laħam, ħalib jew prodotti mill-ħalib minn Andorra, in-Norveġja u San Marino

Tista' ddaħħal fil-Komunità kunsinni oħra ta' laħam, prodotti mil-laħam, ħalib jew prodotti mill-ħalib, biss jekk:

- tkun ġibt id-dokumentazzjoni neċessarja mis-servizzi veterinarji uffiċjali tal-pajjiż li minnu tkun qed tivvjaġġa li tiddikjara li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-dħul fl-UE; u
 - tiddikjara kull prodott ta' din ix-xorta u tippreżenta d-dokumentazzjoni tiegħek għal kontroll veterinarju mal-wasla tiegħek f'posta ta' spezzjoni awtorizzata fuq il-fruntiera ta' l-EU.
- **Kull laħam, prodotti mil-laħam, ħalib jew prodotti mill-ħalib li ma jikkonformawx ma' dawn ir-regoli jridu jiġu ssottomessi mal-wasla fuq il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea għad-disponiment uffiċjali.**

JEKK MA TIDDIKJARAX DAWN IL-PRODOTTI TISTA' TEĦEL MULTA JEW TAHRKA FIL-QORTI KRIMINALI.

Fir-rigward ta' ikel li joriġina minn animali minbarra laħam, prodotti mill-laħam, ħalib u prodotti mill-ħalib, tista' ddaħħal sa 1 kg, jekk ikollok l-awtorizzazzjoni, mingħajr ma tissottomettih għall-kontroll veterinarju.

Grazzi tal-koperazzjoni u fehim tiegħek

ANNEX IV

Ċifri mir-riżultati ta' l-infurzar tar-regoli dwar l-importazzjoni personali ta' laħam u ħalib

INFORMAZZJONI BAŻIKA

- (a) Stat Membru (jekk jogħġbok speċifika)
- (b) Numru approssimattiv ta' punti ta' dħul fil-Komunità Ewropea (jekk jogħġbok speċifika) .
- (c) Perijodu ta' rappurtaġġ (jekk joghġbox speċifika s-sena)

MEKKANIŻMI UŻATI GĦAS-SENSIBILIZZAZZJONI GĦALL-KONDIZZJONIJIET TA' SAĦĦET L-ANNIMALI FIR-RIGWARD TA' IMPORTAZZJONI PERSONALI.

Jekk jogħġbok speċifika l-mekkaniżmi użati mill-awtorità kompetenti għas-sensibilizzazzjoni għall-kondizzjonijiet ta' saħħet l-annimali fir-rigward ta' importazzjoni personali. Dan għandu jinkludi kemm il-mekkaniżmi u kemm il-frekwenza ta' l-użu tagħhom (eż. kartelluni, dikjarazzjonijiet pubbliċi, reklamar addizzjonali, eċċ).

.....

.....

.....

INFURZAR

- (a) Mekkaniżmi użati biex jiġu identifikati kunsinni illegali ta' laħam u ħalib matul il-perjodu ta' rappurtaġġ (aqta' fejn ma japplikax):

Tfittxijiet doganali kampjuni/TFITTXIJET DOGANALI IFFOKATI/KLIEB IMĦARRĠA/TAGĦMIR TA' L-ISKANJAR/OĦRAJN

Jekk jogħġbok aġhti dettalji dwar ir-reġimijiet ta' infurzar applikati matul il-perjodu ta' rappurtaġġ:

.....

.....

.....

- (b) In-numru totali approssimattiv ta' kunsinni illegali ta' laħam u ħalib f'bagolli personali fil-punti ta' dħul fil-Komunità matul il-perjodu ta' rappurtaġġ (jekk jogħġbok speċifika)

- (c) L-ammont approssimattiv ta' laħam u ħalib ikkonfiskati u/jew meqruda minn bagolli personali riżultat ta' kontrolli magħmula f'punti ta' dħul fil-Komunità matul il-perjodu ta' rappurtaġġ (jekk jogħġbok speċifika):

- kg ta' laħam u prodotti mil-laħam
- kg ta' ħalib u prodotti mill-ħalib

- (d) Jekk jogħġbok elenka l-ħames pajjiżi terzi li minnhom passiġġieri instabu l-aktar regolarment iġorru kunsinni illegali ta' laħam u ħalib matul il-perjodu ta' rappurtaġġ:

.....

.....

- (e) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok elenka t-tliet pajjiżi terzi li minnhom passiġġieri kienu l-aktar regolarment issuġġettati għal tfittxijiet doganali ffokati u aġhti dettalji inklużi n-numru ta' tfittxijiet u l-kwantità u t-tip ta' kunsinni illegali misjuba:

.....

.....

.....

Din l-informazzjoni trid tiġi sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' Marzu tas-sena immedjatament wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rappurtaġġ annwali.